# LIL HIJA SALVU

*('F'għeluq is-sentejn tal-mewt tiegħu)*

*Ta'* J. C. FRIGGIERI

Mal-ħemda tal-mejtin, fil-qabar kiesaħ,
Taħt iċ-ċipress, 'il bogħod mid-dar tistrieħ :
Mid-dar u r-rabta ta' mħabbet is-safa,
Mill-ġabra li ħaddnitek bl-oħla ġieħ.

Il-kenn battal li wrajk ħallejt ġo qalbna
Ifawwar dmugħ 'il hemm minn dawn l-għajnejn,
Għax bikri kien il-lejl tar-raqda tiegħek,
U bikri t-tama tagħna sfat fix-xejn.

Qatt aktar ma narak fil-logħob ferrieħi
Ta' meta konna tfal bla dell ta' dnub,
B'artal miżgħud bil-ward ħuġġieġa waħda
Bi xbiha wkoll ta' Dak li miet mislub.

U meta ħiemda s-snin għaddew minn fuqna,
U t-tnejn ħabbejna l-kotba, l-egħżeż ħbieb,
Nitgħaxxaq kont narak ħabrieki u tishar
Biex aktar titla' 'l fuq fid-dehen u l-ħsieb.

Mal-ħalel u l-irwiefen taż-żgħożija
Bil-ħila wqaft, u b'rieda ta' l-azzar
Irbaħt, 'ma d-dinja f'ħidma ta' mibegħda,
Tisqik ħalfet, is-semm ta' dmugħ l-imrar.

Is-Sid li dal-ħolqien il-kobor jixhed,
Li jfassal kollox b'id li ma tqarraqx
Għal ħdanu bagħat għalik, għax f'dinja kiefra
Kien jaf li warda bħalek ma tixraqx.

Hemmhekk ma tilħqek qatt tal-għadu l-għira
Għalik ma tinżel qatt xemx il-ħelsien,
Għal dak li tak raddejt bil-mija f'mija
U rfajt bla lewma s-slaleb ta' kull żmien.

Mal-ħemda tal-mejtin, fuq qabrek tgħasses
Hemm Dik li fiha l-fidwa tagħna nbdiet;
Hemm tibqa' tishar l-Omm ta' wlied iltiema,
Tistenna magħhom jum qawmien l-imwiet.

Lija, 8. 10. 50.